**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Mejju, 2025**

**Mandat Nru: 592/2025 AF**

**James Grech**

**vs**

**Bank of Valletta plc (C-2833)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ James Grech, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, talab lil din il-Qorti zzomm lill-Bank intimat milli johrog l-avviz legali (notification) li ssejjah il-Laqgha Generali Annwali li fiha ghandha ssir l-elezzjoni tad-Diretturi ghal postijiet vakanti ghal Diretturi mhux Ezekuttivi li jridu jimtlew matul il-Laqgha Generali Annwali li jmiss skedata biex tinzamm fid-29 ta’ Mejju 2025, permezz ta’ liema avviz, fost affarijiet ohra, ghandha tigi proposta rizoluzzjoni wahda ghall-hatra tad-Diretturi mhux Ezekuttivi li tkun tikkonsisti f’lista ta’ Kandidati Approvati fl-ordni li fih tqieghdu l-ismijiet skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 26.2 tal-Artikoli ta’ Assocjazzjoni tal-Bank intimat; u

Jipprocedi milli jikkomunika r-rizoluzzjoni ghall-hatra tad-Diretturi mhux Ezekuttivi li tkun tikkonsisti f’lista’ ta’ Kandidati approvati lill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta u lil Joint Supervisory Team JST u/jew lil European Central Bank (ECB); u

Jipprocedi bl-elezzjonijiet tad-diretturi ai termini tal-Artikoli ta’ Assocjazzjoni tal-Bank intimat (Dok. JG7).

Dan kollu supra, dement li l-approvazzjoni tan-nomini ghal diretturi tal-Bank intimat u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tad-Diretturi sabiex kandidati nominati mill-azzjonisti jkunu jistghu jigu eletti fil-Laqgha Generali Annwali tal-Bank intimat ghas-sena 2025 jibqghu bi kwalunkwe mod kundizzjonati bir-ragunijiet elenkati fl-ittra datata 28 ta’ Marzu 2025 mibghuta minn Dr. Ruth Spiteri Longhurst *qua* Company Secretary tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank intimat u indirizzata lill-esponent James Grech, liema ittra hija annessa ma’ dan ir-rikors u mmarkata bhala Dok. JG8.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Bank of Valletta plc u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li baqa' sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza kopjuza ta' dawn il-Qrati fir-rigward.

Il-Qorti tibda billi tenfasizza li kull ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri kawtelatorji huwa limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn.

Ferm il-premess qieset illi essenzjalment l-ilment tar-rikorrenti jemani minn ittra mibghuta lilu mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank li permezz taghha huwa gie infurmat illi n-nomina tieghu ghall-elezzjoni ta' direttur tal-Bank ma gietx approvata.  Jirrizulta li tali decizjoni ttiehdet mill-Bank skond policy introdotta u debitament notifikata lir-Regolatur f'Dicembru 2023.  Skond l-istess policy, ir-rikorrenti, li ghandu pendenti proceduri legali mibdija minnu kontra l-Bank, ma jistax jattendi laqghat tal-Bord tad-Diretturi.  Dan il-fatt mhuwiex kontestat.  Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti ma taghmel ebda sens il-hatra ta' Direttur li huwa prekluz milli jattendi ghal-laqghat.  Ghalhekk, ic-cahda tidher mad-daqqa t'ghajn, gustifikata.

Inoltre, lanqas tista' l-Qorti tonqos milli tqis b'serjetà kbira l-isproporzjon tal-mizura li qeghda tintalab u cioè ordni li titwaqqaf milli ssir laqgha generali ta' Bank ewlieni bil-konsegwenzi kollha  li tista' din iggib maghha.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-vot tal-ligi kif konsistentement mizmum minn dawn il-Qrati, ma giex sodisfatt.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' James Grech kontenuta fir-rikors tieghu tal-10 ta' April 2025.

L-ispejjez jithallsu minn James Grech.

IMHALLEF